Minuti tal-laqgħa numru ħdax (11) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu, 2025 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| Prezenti: | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

11.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Bidu

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ittri ta' apoloġija ma kienx hemm. Il-laqgħa bdiet b'talba ċkejkna.

11.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduti numru disgħa u għaxra** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru disgħa kienet approvata mingħajr korrezzjoni filwaqt li l-Minuti tas-seduta numru għaxra kellhom tliet korrezzjonijiet kif jidhru fuq il-kopja oriġinali u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Dawn il-korrezzjonijiet kienu proposti mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sa Nina Skye Briffa. Il-Minuti kienu pproponuti mis-Sur Karmenu Farrugia wara li kienu ssekondati mis-Sa Anthea Sacco u approvati b'vot unanimu.

11.02.01 Is-Sur Karmenu Farrugia rrimarka fuq laqgħa numru disgħa f'punt 19.14.12. Hu qal li dak il-ħin qabel ma telaq mil-laqgħa, hu xorta kien qed jindirizza lis-Sindku u mhux lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv. — Klarifika

11.03 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2024 ir-Raba' Kwart** — Rapport Finanzjarju Q4, 2024

Ir-Rapport Finanzjarju tar-raba' kwart kien mgħoddi mal-agenda bħala dokument tal-agenda. Dan kien approvat unanimament. Dawn il-figuri huma suġġetti għall-kwalunkwe *audit adjustments* li jistgħu jagħmlu l-awdituri.

11.04 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2024** — Rapport Amministarttiv 2024

Id-DSE ta ħarsa lir-rapport amministrattiv li wkoll kien mgħoddi bħala dokument tal-agenda. L-ewwel parti tar-rapport kien jikkonsisti f'rapport tal-attivitajiet, avvenimenti fis-sitt xhur tal-leġislatura preċedenti u fis-sitt xhur tal-leġislatura preżenti. It-tieni taqsima tiegħu hu mibni fuq il-figuri meħuda mil-*Financial Statement 2024.*

11.04.01 Is-Sur Karmenu Farrugia issuġġerixxa illi dan ir-rapport ikun disponibbli fil-laqgħa pubblika tal-lokalità. Kien deċiż aktar tard fil-laqgħa li din tinżamm nhar l-10 ta' April fil-5.00pm. — Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalità

11.05 **Tiġdid tal-kuntratt tal-latrina pubblika tal-Qrendi għall-aħħar sena** — Latrina Pubblika

Dan mhux se jkun imġedded. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri issuġġerixxa illi nitkellmu mad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni biex naraw li nġibu prezzijiet orħos. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li dawn diġa' qed jikinsu Wied iz-Zurrieq u dan is-suġġett għandu jitla' fuq l-AGENDA tal-laqgħa li jmiss.

11.06 **Ġemellaġġ ma' Klanjec** — Ġemellaġġ

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri informa lill-KLQ illi t-talba għal dan il-Ġemellaġġ kienet ġiet milqugħa. Hu qal li minkejja li huma sejrin għall-elezzjonijiet, irridu nitkellmu magħhom u fil-futur irridu nesploraw il-possibilità li nitilgħu il-Kroazja u huma jiġu wkoll fostna.

11.07 **Tpoġġija ta'guva għall-gamiem mil-FKNK** — Guva għall-gamiem

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri spjega it-talba tal-FKNK dwar il-possibilità li titpoġġa guva fil-Ġnien tal-Warda u fiha jinżamm il-gamiem. Hu qal li kemm l-ispiza kapitali kif ukoll dik rikorrenti tal-istess guva se tkun sostnuta mill-FKNK u l-ftehim ikun iffirmat.

11.08 ***Pop-up Picnic Platform*** — Pop Up Picnic Platform

Is-Sur David Michael Schembri spjega l-kunċett ta' *Project Green* li titpoġġa pjattaforma ta' 4 metri kwadri li fuqhom ikun hemm bank fejn il-Knisja tal-Maqluba għal perjodu qasir ta' xahar. Matul dan il-perjodu hu ttamat li jkun hemm diversi intervisti biex issir promozzjoni u jew tinġabar id-*data*.

11.09 **SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026** — SPI/SCI/5/2025

Għal din l-applikazzjoni intagħżlet il-ġurnata tal-Ħadd filgħodu u se nagħmlu kompetizzjoni billi nżidu ftit l-ispiza għal €7,000.00.

11.10 **SPI/SCI/6/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali** — Manutenzjoni

Il-proġett ma ġiex magħżul.

11.11 **SPI/SCI/7/2025 – Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità** — Komunitajiet b'saħħithom

Dwar din l-applikazzjoni se napplikaw biex inkompu niffinanzjaw iċ-Ċentru Ċiviku u Komunitarju fi Triq Nicolo' Communet.

11.12 **SPI/SCI/8/2025 - *Espressjoni ta' Interess – TagħnaTfal Skema Ulied il-Kunsilliera*** — TagħnaTfal – Skema għall-kunsillieri

Dwar din l-iskema tkellmet il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u qalet illi hija qed issibha diffiċli biex b'*toddler* li m'għandiex min jieħu ħsiebu tkun tista' tattendi l-laqgħat statutorji. Hija talbet lid-DSE sabiex japplika għal din l-iskema minkejja li fil-Kunsill m'għandniex kamra fejn fiha jkun hemm *child minding,* u għaldaqstant dan is-servizz irid jingħata f'ċentru apposta.

11.13 **Evalwatur għall-offerta għal servizzi ta' Accountant / Accountant Technician** — Tender tal-Accountant

Il-KLQ ħalla f'idejn id-DSE sabiex isib *accountant* li ma jkunx tefa' l-offerta pubblika u jkun qed iservi ta' evalwatur flimkien mal-avukata tal-Kunsill, Dr Thea Cesare u s-Sa Stephania Grixti taħt iċ-Ċermen li hu s-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u l-istess DSE li se jkun is-Segretarju tal-bord.

11.14 **Tħejjija għall-Festival tal-Patata (Mejju 2025)** — Festival tal-Patata

Kien deċiż illi l-Festival tal-Patata 2025 jinzamm fil-25 ta' Mejju 2025. Se niktbu lid-dipartiment minħabba li se nibdlu d-data minħabba l-ko-finanzjament tal-iskema. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li mhux se jkun jista' jattendi għax se jkun imsiefer. Il-ko-ordinatur li ġie propost mil-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco, se jkun is-Sur Pierre Cachia u dwar dan kien hemm qbil unanimu minkejja li għad m'għandniex stima. Is-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku kif ukoll is-Sur Karmenu Farrugia iltaqgħu diġa' mas-Sur Pierre Cachia u qalu li dan diġa' ħareġ b'idejat ġodda u li dan hu kapaċi u prova ta' dan hija l-attivitajiet li kienu organizzati minnu bħal dik minn Palumbo, u Betlehem f'Għajnsielem.

11.15 **Isem uffiċjali għal Triq ta' Ħassajjek** — Triq Ħassajjek



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament illi din it-triq ikun jisimgħa Triq ta' Ħassajjek kif fil-fatt hi magħrufa l-area ta' hemmhekk. F'dan il-waqt, is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-possibilità li tissemma triq għas-Sur Daniel Farrugia li kien kunsillier. Dwar dan ma kienx hemm oġġezzjoni jekk ikun hemm triq ġdida filwaqt li hu ttamat li ċ-Ċentru Ċiviku jissemma' għall-eks Sindku Carmelo Falzon.

| | | |
|---|---|---|
| 11.16 | **Rapport tal-bord tal-intervisti – Sejħa għal Skrivan/a**<br>Ir-rapport tal-bord tal-intervisti kien approvat u issa se nerġgħu immorru fuq il-*Jobsplus* biex jiggwidawna huma x'hemm bżonn isir peress li ħadd ma ntagħżel. | Sjħa għal skrivan |
| 11.17 | **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 19/2/25 – 17/3/25 u Petty Cash AC/02-1**<br>Iċ-ċedola tal-pagamenti kienet approvata b'vot unanimu u din ġiet iffirmata. | Ċedola tal-patamenti |
| 11.18 | **Punti Oħra** | |
| 11.18.01 | Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi *Project Green* se jħawlu siġar fil-Karwija, Triq Wied iz-Zurrieq, iz-Zelliqat u Sqaq il-Lewz fil-jiem li ġejjin. | Taħwil ta' siġar |
| 11.18.02 | Is-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku talbet li l-applikazzjoni tal-Christmas Village issir fuq jumejn, is-Sibt u l-Ħadd filgħodu. | Christmas Village |
| 11.18.03 | Is-Sa Anthea Sacco ressqet proposta sabiex issir ħarġa għall-Bazilika tal-Bambina fl-Isla fil-ġimgħa Mqaddsa propjament fid-9 ta' April biex il-Qrendin imorru jaraw ir-Redentur tal-Isla u wara jmorru jieklu għand ir-risorant, Don Berto għal prezz ta' €15. Hija talbet lil xi ħadd mill-istaff tal-Kunsill biex jakkumpanja l-grupp. | Ħarġa tal-Kunsill |
| 11.18.04 | Is-Sa Marion Parnis talbet biex issir zabra tas-siġar u l-arbuxxelli fil-Ġnien tal-Warda. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li se jgħid lill-*Foundation for Tourism Zone*, u se jkellem lis-Sur Darren Camilleri. | Ġnien tal-Warda |
| 11.18.05 | Is-Sur Karmenu Farrugia reġa' tkellem fuq il-bzonn li napplikaw ma' Transport Malta biex issir *zebra crossing* fi Triq Rokku Buhagiar fl-inħawi tal-ispizerija li kienet relokata hemmhekk minn triq oħra. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri talbu sabiex jindika eżatt fuq pjanta fejn hu suġġerit li ssir u li din tkun tirrispetta l-5m 'il bogħod minn bieb ta' garage u l-15m 'il bogħod minn kantuniera. | Zebra Crossing fi Triq Rokku Buhagiar |
| 11.18.06 | Is-Sur David Michael Schembri, is-Sindku semma l-laqgħa li kellu dwar il-pavimentar tal-Isqaq fi Triq il-Kbira, Triq Dun Mattew Magro, Triq Lourdes u Sqaq 1 fi Triq il-Parroċċa; liema spiża ġejja tiswa madwar €90,000 li minnhom se nirkupraw €77,000 mil-Fond tal-Izvilupp tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Pavimentar ta' sqaqien |
| * | Is-Sa Anthea Sacco telqet mil-laqgħa fis-6:55pm | |
| 11.18.07 | Is-Sur Karmenu Farrugia fakkar fil-manutenzjoni fuq il-bank li hemm fi Pjazza Santa Marija faċċata tal-Kazin tal-Madonna ta' Lourdes. | Manutenzjoni fuq bank |
| 11.18.08 | Is-Sur Karmenu Farrugia rrefera għal talba li saret mis-Soċjetajiet Muzikali biex jitħaffru toqob tal-armar tal-festi. Dwar din it-talba, s-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li dawn se jsiru mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi wara li bagħtnielhom it-talba tagħna. L-għotjien se jinxtraw mill-Koptasin. | Toqob tal-Festa |
| 11.18.09 | Is-Sur Karmenu Farrugia talab li tinxtara *bicycle rack* li titwaħħal fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja għal dawk il-vizitaturi li jzuruna bir-rota. Se naraw fejn nistgħu inpoġġuha u ma tkunx ta' inkonvenjent speċjalment għall-armar tal-festi. | Bicycle Holder |

| | | |
|---|---|---|
| 11.18.10 | Is-Sur Karmenu Farrugia talab li jkun hemm iz-zabra tas-siġar li hemm f'parti mil-grawnd tal-Futbol magħruf bħala dak ta' Dun Raymond Ellul. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi dan il-ġnien huwa tal-Knisja u mhux wieħed pubbliku. | Zabra ta' Siġar |
| 11.18.11 | Is-Sur Karmenu Farrugia talab li jibdew ikunu irrekordjati l-laqgħat tal-Kunsill u wkoll ikunu *live streamed* fuq *facebook*. Dwar dan, is-Sa Nina Skye Briffa qalet li rridu naraw x'inhuma l-bzonnijiet biex jinġiebu l-istimi għall-apparat. Id-DSE qal li biex isir dan irid jinxtara *laptop* imqabbad mal-apparat li għandna preżentement u dan ikun qed jirrekordja kollox fuqu. | Irrekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill. |
| 11.19 | **Data tal-laqgħa li jmiss**<br>Din il-laqgħa intemmet fit-7.45pm u l-KLQ se jiltaqa' nhar l-10 ta' April, 2025 fil-5.30pm. | Aġġornament |

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 10.4.25 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku